# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 13**

**Rikors numru 3/09 GG**

**Carmelina Zammit u b'digriet tal-Bord tas-16 ta' Dicembru 2011 wara l-mewt taghha l-atti kienu legittimati f'isem Peter Micallef u l-Avukat Dottor Anton Micallef, u Denise Micallef**

**v.**

**Direttur tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li Carmelina Zammit u Denise Micallefipprezentaw fil-15 ta' Jannar, 2009, fil-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet li jaqra hekk:

"Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru, 2008 li biha l-intimat ghall-finijiet tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) irrefera lill-esponenti ghall-Avviz tal-Gvern numru 95 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta' Jannar, 2008 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond numru 103D fi Trq id-Dejqa, il-Belt Valletta li jidher immarkat bil-kulur ahmar fuq il-pjanta L.D Numru 220A/88 kif ukoll bl-isfar fuq il-pjanta tal-Works Division Drwg No. 1L/985 (plan levels 2 and 3) u offra lill-esponenti bhala kumpens ghax-xiri assolut tal-istess propjeta' is-

somma ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€21,546.70) u dan skond l-istima li hemm imsemmija fl-istess avviz numru 95 liema stima saret mill-Perit Arkitett Fred H. Valentino A&CE;

"Illi r-rikorrenti jridu jikkonstestaw l-ammont lilhom offrut bhala kumpens billi dan mhux adegwat u ma jirriflettix il-valur tal-istess propjeta' kif trid il-ligi;

"Illi r-rikorrenti jippretendu illi l-kumpens gust ghall-istess propjeta' li tappartjeni lilhom huwa ta' sitta u erbghin elf, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro (€46,928) u dan a bazi tar-rati li bihom il-propjeta' f'dawk l-inhawi qieghda tigi stmata attwalment kif ukoll peress illi dan il-fond gie esproprjat bhala parti minn sit intier u jekk wiehed iqis il-kumpens offrut ghall-propjetajiet l-ohra fl-istess sit li ukoll gew esproprjati flimkien mal-fond 103D surreferit jidher illi bi proporzjon bejn l-arja tal-fond 103D u l-arja tal-fondi l-ohra fl-istess sit il-kumpens adegwat ghall-esproprjazzjoni tal-fond 103D ghandu jkun ghola minn dak offrut fl-ittra ufficjali surreferita. Ghal kull buon fini r-rikorrenti qeghdin jannettu ma' dan ir-rikors kopja ta' valutazzjoni tal-fond inkwistjoni maghmula mill-Perit Andrew Ellul A&CE, liema kopja qieghda tigi immarkata bhala Dokument ZM 1;

"Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa bhala kumpens ghall-propjeta' fuq imsemmija appartenenti lir-rikorrenti li qed tigi mill-intimata esproprjata ghall-uzu pubbliku taht titolu ta' xiri assolut, is-somma ta' sitta u erbghin elf, disa' mij au tmienja u ghoxrin Ewro (€46,928) u dan flimkien mal-imghax kif stabbilit mill-ligi mid-data li l-istess Awtorita' Pubblika hadet pussess tal-art fuq imsemmija u bl-ispejjez tal-prezenti istanza;

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 15 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens lilhom offrut mill-awtorita' kompetenti ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€21,546.70) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond 103(D), fi Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, li jidher immarkat bil-kulur ahmar fuq il-pjanta L.D Nru. 220A/88, kif ukoll bl-isfar fuq il-pjanta tal-Works Division Drwg No. 1L/985 (plan levels 2 and 3) u qeghdin jippretendu illi l-kumpens ghandu jkun ta' sitta u erbghin elf, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro (€46,928);

"Illi r-rikors odjern gie ntavolat wara li r-rikorrenti gew notifikati fid-19 ta' Dicembru, 2008 b'att gudizzjarju kif rikjest minn Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma gew infurmati li huma kellhom 'wiehed u ghoxrin (21) gurnata min-notifika ta' l-att gudizzjarju sabiex jekk jekk jidrilkom, tikkontestaw l-ammont ta' kumpens fuq imsemmi, jigifieri dak ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€21,546.70);

"Illi wiehed u ghoxrin gurnata stabbiliti fl-Artikolu 22(7) ta' Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz odjern, ghalqu fid-9 ta' Jannar, 2009 u ghalhekk ir-rikors odjern gie ntavolat tardivament u b'hekk huwa null u bla effett;

"Illi fl-imsemmi att gudizzjarju r-rikorrenti kienu wkoll infurmati li 'fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti taghkom ghall-kumpens offrut kif fuq imfisser, il-kumpens offrut jitqies li qieghed jigi accettat minnkom bhala l-valur gust tal-fond esproprijat ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

"Illi l-esponent qieghed jibqa' isostni li l-kumpens gust ghal fond fuq imsemmi huwa dak fuq citat, u cioe', l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€21,546.70) u dan skond l-istima tal-Perit Arkitett Fred H. Valentino;

"Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitolb bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiddikjara r-rikors tar-rikorrenti bhala null u bla effett u ghalhekk jiffissa l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sitta u erbghin ewro u sebghin centezmu (€21,546.70) bhala kumpens gust ghall-esproprijazzjoni tal-fond fuq imsemmi;"

Rat is-sentenza li ta l-Bord tal-Arbitragg fuq indikat fl-1 ta' Frar, 2012 li in forza taghha iddecieda l-kawza billi laqa' l-eccezzjoni tal-intimat Direttur, jigifieri li r-rikorrenti iddekadew mit-terminu ta' 21 jum min-notifika sabiex jipprezentaw dan ir-rikors u ghalhekk jitqiesu li accettaw il-kumpens lilhom offert;

Dak il-Bord ta s-sentenza tieghu wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat Direttur tal-Artijiet diretta ghall-mutament tal-azzjoni odjerna kwantu li din kienet intavolata oltre l-21 jum min-notifika tal-ittra ufficcjali tal-intimat skond il-ligi. Jemergi b'mod pacifiku illi r-rikorrenti, qua sidien tal-fond esproprijat mertu tal-kawza, ircevew b'mod individwali, ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 22(7) tal-Kap 88 fejn kienu intimati illi bhala sidien li ghandhom it-titolu tal-fond kienu offerti s-somma hemm indikata bhala kumpens kif ukoll illi jekk jonqsu milli jikkontestaw din l-offerta fi zmien wiehed u ghoxrin jum min-notifika ta' dak l-att, jitqies li kienu qed jaccettaw dak i-kumpens. In sintesi, r-rikorrenti jikkontendu illi l-ittra ufficjali li hija l-pern tal-kwistjoni kollu hija nulla u bla effett ghaliex ma kienetx notifikata fil-post fejn tirrisjedi Carmelina Micallef u hija nulla u bla effett ghaliex kienet introdotta fil-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet minflok fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili;

"Fit-termini tal-artikolu 22(4) tal-Kap 88, l-awtorita' kienet baghtet ittra ufficjali liz-zewg rikorrenti fejn gharrfithom bi kliem car illi huwa kienu meqjusa bhala li kellhom titolu li jaghtihom dritt ghall-kumpens ghat-tehid tal-fond hemm imsemmi, liema kumpens kien depozitat f'kont bankarju skond l-artikolu 22(3) tal-Kap 88. Oltre, dan kienu ukoll imwissija bi kliem car illi kellhom zmien 21 gurnata min-notifika biex jikkontestaw il-kumpens offert u fil-paragrafu sussegwenti kienu avzati dwar il-forma u s-sustanza ta' din il-kontestazzjoni skond il-ligi. Issa r-rikorrenti qeghdin isostnu illi l-att gudizzjarju li allura kien fil-forma ta' ittra ufficjali ma setgha qatt ikun introdott fil-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet izda setgha jsir biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom r-rikorrenti ccitaw is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs Maurice Mizzi App 5 ta' Dicembru 1995 izda bid-dovut rigward, din ma ghadha jkollha ebda applikazzjoni ghal kaz odjern ghaliex dak kien kaz fejn il-Qorti rriteniet illi l-att gudizjarju li kellu jkun prezentat fil-konfront ta' negozjant dwar mertu li jirrigwarda negozju kien messu jkun prezentat quddiem il-Qorti Kummercjali u mhux quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Minkejja illi r-rikorrenti iccitaw parti sostanzjali ta' din id-decizjoni, din ma hi ta' ebda soljev ghalihom. Huma jsostnu illi "huwa pacifiku li l-ittri ufficjali ghandhom jigu [recte. "ikunu"] intavolati fil-Qorti tal-Magistrati jew fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili". Dan ma jsib l-ebda sostenn la fil-ligi u anqas fil-gurisprudenza. L-Ordinanza Kap 88 tipprovdi ghat-twaqqif tal-Bord tal-Arbitragg Dwar l-Artijiet u kull att ghadu jkun prezentat fir-Registru tal-Bord [fl-artikolu 25(2)]. L-artikolu 22(7) imbaghad jipprovdi ghall-prezentata ta' rikors bhal dak odjern jigifieri li ghandu jkun prezentat fir-Registru tal-Bord u ghalhekk it-tezi tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa';

"Stabbilit illi l-ittra ufficjali li tat lok ghar-rikors odjern kienet gustament prezentata quddiem dan il-Bord, jokkorri ikun investit l-ilment tar-rikorrenti Carmelina Zammit dwar n-nullita' tan-notifika fil-konfront taghha. Opportunament ikun senjalat illi din il-kwistjoni tinvolvi biss lil Carmelina Zammit ghaliex Denise Micallef kienet notifikata separatament skond il-ligi u intavolat ir-rikors promutur tardivament kif

ser jirrizulta hawn taht. Denise Micallef tghid fl-affidavit taghha a fol 20 illi ohta Carmelina kienet tirrisjedi gewwa "care home" fl-Isptar St. James f'tas-Sliema sa mis-sena 2005 u ghalhekk l-ittra ufficjali li permezz taghha skatta l-perjodu ta' 21 jum sabiex ikun intavolat rikors oppozitur messu kien indirizzat l-Isptar St. James. In sostenn tat-tezi taghhom ir-rikorrenti iccitaw is-sentenzi fil-kawzi fl-ismijiet Micallef Enterprises Limited et vs Chairman tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma PA 27.5.2005 u Valcall Limited vs ALT Services Limited et PA 24.1.2001. Dawn id-decizjoni ma huma ta' ebda ghajnuna ghall-kaz in dizamina ghalliex fl-ewwel kawza, l-vertenza kienet tirrigwarda indirizz zbaljat fuq l-att gudizjarju, li f'dak il-kaz kienet ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 466 Kap 12, fejn minkejja illi fir-riferta tal-marixxall kien tnizzel li l-intimat kien notifkat f'indirizz partikolari, l-isem tal-fond kien juru minghajr ekwivoku li ma kienx dak li fejn ufficjalment jirrisjedi l-intimat u allura jitqies li mhux notifikat skond il-ligi u ghal liema decizjoni l-Qorti waslet ghaliha a bazi tad-dettalji li jidhru fuq il-Karta tal-Identita' tal-konvenut esebita minnu biex jipprova l-indirizz tieghu. It-tieni kawza imbaghad wisq anqas ghandha x'taqsam mas-*subjecta materia* ghalies din titratta dwar min jista' jircievi atti gudizzjarji meta d-destinatarju tkun entita' legali li dwaru jipprovdi l-artikolu 187(4)(b) tal-Kap 12. F'dak il-kaz, minkejja li l-att kien korrettament indirizzat fis-sede tas-socjeta' konvenuta, l-persuna li accettat dak l-att ma kienitx wahda li bil-miktub setghet taccetta tali atti. Issa fil-kaz in dizamina l-artikolu 187(1) tal-Kap 12 jipprovdi li n-notifika ssir bil-kunsinna tal-kopja tal-iskrittura lill-pesuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha. Iz-zewg rikorrenti ircevew intimazzjoni separatament skond l-artikolu 185 u 186 tal-Kap 12 fl-indirizz li japparjeni lilhom. Ir-rikorrenti Zammit izda ma esebitx kopja tal-karta tal-identita' taghha u ma hemm ebda prova li tista' b'xi mod turi illi Carmelina Zammit ufficjalment bidlet l-indirizz ufficjali taghha u kwindi n-notifika ma tistax ma titqies bhala wahda valida fil-ligi. Wara kollox l-istess rikorrenti Zammit indikat hi stess fir-rikors promutur li toqghod fl-istess indirizz ta' Denise Micallef, jigifieri Villa Portelli, Savoy Hill, Sliema.

"Kif gia accentat, l-kwistjoni ta' nullita' tal-ittra ufficjali kien jirrigwarda biss lir-rikorrenti Carmelina Zammit ghaliex teknikament tirrizulta l-kontumacja ta' Denise Micallef u li ghaliha ma vvantat ebda raguni skuzanti hlief li ghaddiet id-dokument tardivament lill-Avukat taghha. Fil-konfront ta' Carmelina Zammit, ma hemm l-ebda nullita kwantu n-notifika tal-ittra ufficjali indirizzata lilha… … …"

Rat illi wara rikors datat 1 ta' Marzu, 2012, imressaq mir-rikorrent, l-imsemmi Bord, b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2012, laqa' talba ghall-

korrezzjoni fil-figuri indikati fis-sentenza, izda cahad talba ghall-kjarifika tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appell illi r-rikorrenti ipprezentaw fis-16 ta' April, 2012, u li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-1 ta' Frar 2012 kif korretta permezz tad-digriet tas-27 ta' Marzu 2012 fl-istess ismijiet u minflok tghaddi biex tiddeciedi l-mertu u tilqa' t-talbiet tal-atturi appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

Rat ir-risposta tal-intimat li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, wara li ssottometta n-nullita` tal-appell (ghax tardiv), issottometta li din il-Qorti ghandha tikkonferma s-sentenza moghtija mill-imsemmi Bord;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza hi intiza ghall-fissazzjoni tal-kumpens gust wara esproprijazzjoni mill-awtorita` kompetenti ta' proprjeta` taghhom gewwa

l-Belt Valletta. Il-Bord qies ir-rikors null ghax gie ipprezentat wara t-terminu ta' 21 jum minn notifika lilhom tal-ittra ufficjali indikanti l-offerta tal-Gvern impost mil-ligi ghal min irid jikkontesta l-kumpens offrut. L-intimat Direttur tal-Artijiet eccepixxa, fl-ewwel lok, li r-rikors tal-appell hu null ghax ma giex ipprezentat fit-terminu ta' 20 gurnata mid-data li fiha nghatat is-sentenza. Ir-rikorrenti jghidu illi darba li talbu korrezzjoni u kjarifika tad-decizjoni, it-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data tad-digriet relattiv.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-intimat Direttur. It-talba ghall-korrezzjoni saret a bazi tal-Artikolu 825 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-ewwel sub-inciz jaghti fakolta` lill-Bord li jikkoregi zball ta' kalkolu, waqt it-tieni sub-inciz tal-istess artikolu jaghti fakolta` li jigu ikkoreguti zbalji fil-kliem uzati fis-sentenza jew biex tbiddel espressjonijiet mhux cari; it-terminu tal-appell jigi sospiz biss f'kaz ta' talba taht it-tieni sub-inciz tigi milqugha u s-sentenza ikkoreguta. Fil-kazijiet l-ohra kontemplati fl-istess Artikolu 825, it-terminu tal-appell ma hux sospiz.

Dan gie ribadit anke ricentiment minn din il-Qorti fil-kawza **Borg v. Holm** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2015, fejn intqal illi:

> "*Kif sewwa issollevat l-appellata, l-ewwel sub inciz ma jghidx, kif invece jghid is-sub inciz ta' wara li t-terminu tal-appell f'dawn il-kazi jibda*

> *ghaddej mid-data tad-digriet li jkun inghata in segwitu ta' dak ir-rikors. Allura l-estensjoni tat-terminu biex jigi prezentat l-appell ma tapplikax f'dan il-kaz.*"

F'dan il-kaz, pero`, kien hemm zbalji fil-kliem/figuri li uza l-Bord fis-sentenza tieghu, u mhux zball ta' kalkolu. Fil-kawza **Borg v. Holm** fuq imsemmija kien sar zball ta' kalkolu mill-ewwel Qorti, izda f'din il-kawza l-izbalji ma kienux ta' kalkolu izda ta' referenza hazina f'certi figuri u numri li gew kwotati hazin mill-Bord. Hu veru li l-korrezzjoni akkordata ma bidlet xejn sostanzjalment minn dak li stabbilixxa l-Bord fis-sentenza tieghu tal-1 ta' Frar, 2012, pero`, bhala fatt kien hemm zbalji fil-kliem uzat fis-sentenza, u meta jkun hekk, u dan gie rikonoxxut mill-Bord, kif jipprovdi l-Artikolu 825(2) imsemmi, it-terminu tal-appell jibda jghaddi minn dak in-nhar tad-digriet moghti fuq talba ghall-korrezzjoni.

Darba jirrizulta li dan l-appell gie ipprezentat entro t-terminu ta' 20 jum mid-data tas-27 ta' Marzu, 2012, data tad-digriet li bih il-Bord laqa' talba ghall-korrezzjoni, l-appell ghandu jitqies validu. L-eccezzjoni ta' nullita` sollevata mill-intimat Direttur qed tigi michuda.

Fir-rigward tal-meritu tal-appell, ir-rikorrenti appellanti jissottemettu illi d-decizjoni tal-Bord hi hazina peress illi Carmelina Zammit qatt ma giet notifikata bl-ittra ufficjali bl-offerta tal-gvern, u allura ma bdewx jiskadu l-21 jum li tipprefiggi l-ligi ghall-prezentata tar-rikors in kontestazzjoni.

Jghidu dan ghax fiz-zmien rilevanti hija kienet rikoverata f'dar tal-anzjani, mentri n-notifika saret fir-residenza taghha f'idejn ohtha, ir-rikorrenti l-ohra Denise Micallef.

Din il-Qorti ma taccettax dan l-argument. In-notifika saret korrettement fil-lok fejn toqghod Carmelina Zammit u billi thalliet f'idejn membru tal-familja taghha. Il-fatt li l-imsemmija Carmelina Zammit kienet f'dar tal-anzjani, ma jfissirx li ma kenitx "toqghod" fid-dar taghha tas-Sliema. Bis-soggorn ta' persuna f'dar tal-anzjani jew fi sptar, dik il-persuna ma titlifx ir-residenza abitwali taghha, sakemm hi stess ma tiehux il-briga li tbiddel l-indirizz tar-residenza taghha mal-awtoritajiet koncernati. Fil-fatt, gie anke deciz mil-qrati taghna li persuna li tmur tirrisjedi f'dar tal-anzjani ma tkunx, b'daqshekk, abbandunat id-dar taghha u ma tistax tigi zgumbrata mill-fond mikri lilha fuq il-kawzali ta' non-uzu (ara per ezempju, il-kawzi **Bonnici v. Livori** deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru, 1983, u **Borg v. Briffa**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-16 ta' Marzu, 2016).

L-indirizz fuq il-karta tal-identita` ta' Carmelina Zammit qatt ma nbidel biex jirrifletti xi bidla permanenti fir-residenza taghha, u lanqas ma jirrizulta illi hi nehhiet l-affarijiet u hwejjeg taghha mid-dar residenzjali taghha gewwa tas-Sliema. Tant din Carmelina Zammit toqghod fid-dar tas-Sliema, illi meta fethu dawn il-proceduri indikaw l-indirizz taghhom it-

tnejn bhala "Villa Portelli", Savoy Hill, Sliema, bl-indikazzjoni li notifika wahda f'dak l-inidirizz ikun bizzejjed. Fir-rikors li ta bidu ghal dawn il-proceduri, ir-rikorrenti illimitaw ruhhom li jikkontestaw l-ammont ta' kumpens offrut, u ma ressqu ebda ilment dwar kif u fejn saret in-notifika.

L-Artikolu 187(1) tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid li n-notifika tista' ssir "*fil-lok fejn toqghod*" jew "*Fl-indirizz postali taghha*", f'idejn membru tal-familja taghha. F'dan il-kaz, ma jirrizultax li Carmelina Zammit ma ghadhiex toqghod tas-Sliema, u lanqas ma jirrizulta li applikat ghal "*change of address*" postali taghha, li baqa' dak ta' tas-Sliema.

Il-kawzi **Keyland Co. Ltd et v. Xuereb** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Jannar 2012, u **Direttur tal-Kummerc v. Scerri** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru, 1998, li ghalihom ghamlu referenza l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom, m'ghandhomx rilevanza ghall-kaz. F'tal-ewwel sar tentattiv ta' notifika f'postijiet li ma kellhom ebda konnessjoni mar-rikorrenti, u fit-tieni ma irrizultax li saret notifika, kif allegat, f'idejn omm il-konvenuta. F'dan il-kaz, min-naha l-ohra, jirrizulta notifika fil-post tar-residenza u f'idejn ohtha. L-ittra ufficjali giet, ghalhekk, debitament notifikata u l-aggravju relattiv qed jigi michud.

Ir-rikorrenti appellanti jissottomettu wkoll li l-ittra ufficjali hija nulla ghax giet intestata bl-isem tal-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, meta kellha tkun intestata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' din is-sottomissjoni. Mhux biss hija l-prassi li l-ittra ufficjali li tikkontjeni l-offerta ta' kumpens tkun hekk intestata, izda wkoll l-Artikolu 789 tal-fuq imsemmi Kodici ma jipprovdix ghan-nullita` f'cirkostanza bhal din. L-ittra ufficjali ma nhargitx minn qorti mhux kompetenti izda biss giet intestata bl-isem tal-imsemmi Bord, li qed jinghad, allegatament li hu zbaljat. Dan l-allegat zball ma kien ta' ebda pregudizzju ghar-rikorrenti, li setghu, kif ghamlu (imma tardivament) jikkontestaw il-kumpens offrut.

Oltre dan l-Artikolu 179 tal-fuq imsemmi Kodici, jiddisponi li l-iskritturi ghandhom jigu ipprezentati fir-registru tal-Qorti rispettiv, provvediment rifless fil-legislazzjoni sussidjarja tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici, li jiddisponi li l-atti jridu jkunu intestati fil-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet u intavolati fir-registru superjuri tal-qrati. Dawn il-provvedimenti ma jghoddux biss ghall-procedimenti quddiem il-Bord, izda wkoll ghal dawk li jipprecedu dawk il-procedimenti, specjalment fid-dawl tal-Arikolu 193 tal-istess Kodici li jghid li dak li intqal precedentement jghodd ghall-"*atti kollha*" li jkunu ipprezentati mill-

partijiet. Hija r-registru tal-Qorti jew Bord li hu importanti, mhux l-intestatura.

Fil-fatt, fil-kawza **Testaferrata Moroni Viani v. Mizzi** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 1955, li ghaliha ghamlu referenza l-appellanti, in-nullita` giet ravvizata wara li nstab li l-att gie ipprezentat fir-"*registru zbaljat*" u kwindi meqjus bhala li qatt ma gie ipprezentat.

F'dan il-kaz, l-ittra ufficjali giet ipprezentata fir-registru korrett, u hi, ghalhekk valida.

Dwar is-sottomissjonijiet li, fil-kaz taz-zewg rikorrenti, ir-rikors gie ipprezentat tardivament peress li l-ittra ufficjali giet notifikata fil-perjodu bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena, u l-avukat li soltu jiehu hsieb dawn l-affarijiet kien "*imhabbat*" u 'l boghod mid-dar taghhom, din il-Qorti ma tqishiex meritevoli ta' kummenti. L-avukat li "*soltu jiehu hsieb dawn l-affarijiet*" ma hu hadd hlief l-iben tal-istess Denise Micallef. Din setghet tkellmu meta trid u jekk ma setghetx taqbad lil binha, setghet iccempel lil xi avukat iehor, specjalment dawk li gew inkarigati ghall-fini ta' dawn il-proceduri.

Fil-kuntest, tar-raba' aggravju li ressqu l-appellanti, ma jistax jinghad li l-ligijiet tal-procedura itellfu mid-dritt ta' sid proprjeta` esproprijata ghall-

kumpens. It-terminu ta' 21 gurnata impost mil-ligi mhux xi wiehed qasir, u hu mehtieg biex jinholoq element ta' certezza. Ir-rikorrenti lanqas ma talbu l-proroga ta' dan it-terminu, izda ressqu dan ir-rikors meta riedu huma, minghajr indikazzjoni li hu *fuori termine* u allura b'dispett lejn il-ligi u l-awtorita` taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza li ta l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fl-1 ta' Frar, 2012, bl-ispejjez ta' din it-tieni istanza jithallsu mir-rikorrenti appellanti *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df